MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2005

Citazzjoni Numru. 811/2005

**A.F. ELLIS (MARBLE WORKS) LTD.**

**vs**

**Anthony GATT u għal kull interess li jista' jkollha "J&M CONSTRUCTIONS LTD."**

**Il-Qorti:**

Rat l-att taċ-ċitazzjoni mressaq fit-2 ta' Settembru, 2005 li bih is-soċjeta' attriċi wara li ppremettiet:

Illi s-soċjeta' attriċi għandha tieħu s-somma ta' tmint elef mija u tmienja u tmenin lira Maltija u tmien ċenteżmi (Lm8,188.08c) mingħand il-konvenuti rapreżentanti prezz ta' *Hardstone* u *Lava Slabs'* mibjugħa u kkonsenjata lill-konvenut Anthony Gatt f'ismu u f'isem is-soċjeta' illi huwa irrapreżenta bħala 'J & M Construction Limited' iżda li minn riċerki imwettqa sussegwentement mill-attriċi irriżulta illi ma teżistix;

Illi dawn il-*hardstone* u *lava slabs* ġew konsenjati fuq istruzzjonijiet ta' Anthony Gatt;

Illi l-ammont dovut huwa magħmul in kwantu għal sebat elef u sebgħa u għoxrin lira Maltija u tlieta u għoxrin ċenteżmu (Lm7,027.23c) bħala kapital u s-somma ta' elf mija u sittin lira Maltija u ħamsa u tmenin ċenteżmu (Lm1,160.85c) bħala interessi fuq l-istess kapital b'effett mid-data ta' kull konsenja sad-disgħa u għoxrin (29) ta' Awissu tas-sena elfejn u ħamsa (2005), oltre l-interessi ulterjuri fuq din is-somma sad-data ta' l-effettiv pagament;

Illi s-soċjeta' attriċi trid titħallas l-ammont dovut mingħand is-soċjeta' konvenuta jew min minnhom;

Illi dan id-debitu hu wieħed ċert likwidu u dovut u safejn taf l-attriċi, il-konvenuti ma għandhom l-ebda eċċezzjoni xi jqajjmu għat-talba illi dan il-kreditu tal-attriċi għandu jitħallas;

Għaldaqstant is-soċjeta' attriċi talbet lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandiex għal dawn ir-raġunijiet premessi:

1. Taqta' u tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa mis-smiegħ a tenur tal-artikolu 167 tal-Kodiċi u Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

2. Tikkundanna lill-konvenut, in via solidali bejniethom, sabiex iħallsu lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' tmient elef mija u tmienja u tmenin lira Maltija u tmien ċenteżmi (Lm8,188.08c) rappreżentanti prezz ta' *hardstone* u *lava blocks* mibjugħa u konsenjati lilkom jew min minnkom; u dan oltre' l-interessi fuq dan l-ammont b'effett mid-data tat-tletin (30) ta' Awissu tas-sena elfejn u ħamsa (2005) sad-data tal-ħlas effettiv;

Bl-ispejjeż inklużi tal-ittri interpellatorji tal-10 ta' Settembru 2004 u tat-18 ta' Novembru 2004 u dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorji preżentati kontestwalment kontra tagħkom.

Bl-inġunzjoni għas-subizzjoni, illi għaliha minn issa intom nġunti.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-soċjeta' attriċi;

Rat in-nota mressqa waqt is-smigħ tal-lum mill-konvenut li biha ammetta it-talba kif dedotta fiċ-ċitazzjoni;

Rat li l-kumpannija mħarrka, notifikata kif imiss bl-atti tal-kawża naqset li tressaq Nota tal-Eċċezzjonijiet fiż-żmien mogħti lilha mil-Liġi u kif ukoll naqset li tidher jew tkun rappreżentata meta ssejħet il-kawża u għalhekk baqgħet kontumaċi;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenut, it-talba dedotta fiċ-ċitazzjoni tirriżulta pruvata.

Billi mill-eżami tal-atti proċesswali u d-dokumenti jidher li t-talbiet attriċi huma mistħoqqa;

Fuq ammissjoni tal-konvenut tiddeċiedi billi tilqa' t-talbiet tas-soċjeta' attriċi kif dedotti fiċ-ċitazzjoni u għalhekk hija qegħda taqta' din il-kawża bid-dispensa tas-smigħl; u tilqa' t-tieni talba attriċi u tikkundanna lill-imħarrkin, flimkien u in solidum bejniethom, is-somma ta' Lm8188.08 li tirrappreżenta l-prezz ta' materjal tal-bini lilhom mibjugħ u konsenjat; bl-ispejjeż kontra l-konvenuti u bl-imgħaxijiet legali fuq l-imsemmija somma b'effett mit-30 t' Awissu, 2005, sal-jum tal-ħlas effettiv.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------